2091.	Arkady Vladimirovich DVORKOVICH bir-Russu: Аркадий Владимирович ДВОРКОВИЧ	Funzjoni: President tal-Federazzjoni Internazzjonali taċ-Ċess (FIDE); Membru tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Federazzjoni taċ-Ċess tar-Russja Data tat-twelid: 7.5.1956 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771800845193	Arkady Dvorkovich kellu pożizzjonijiet għolja fil-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa kien l-assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa Dmitry Medvedev (2008-2012), u Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa (2012-2018). Ilu mill-2018 President tal-Federazzjoni Internazzjonali taċ-Ċess (FIDE). L-elezzjoni mill-ġdid tiegħu f'din il-pożizzjoni fl-2022 intlaqgħet mill-Kremlin bħala "rebħa" għal Moska. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-FIDE Arkady Dvorkovich appoġġa pubblikament l-annessjoni tal-Krimea u sejjaħ bliet Ukreni okkupati "territorji ġodda" tal-Federazzjoni Russa. Arkady Dvorkovich huwa wkoll membru tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Federazzjoni taċ-Ċess tar-Russja, flimkien mad-diversi individwi elenkati mill-Unjoni, inkluż mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-Federazzjoni taċ-Ċess tar-Russja organizzat u operat turnej fit-territorji Ukreni okkupati mir-Russja, inkluż ir-reġjuni tal-Krimea, Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhya, u Kherson. Arkady Dvorkovich għandu wieħed mir-rwoli ewlenin fil-Bord tal-Fiduċjarji. Għalhekk, Arkady Dvorkovich qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2092.	Mikhail Gerazievich MAMIASHVILI bir-Russu: Михаил Геразиевич МАМИАШВИЛИ	Funzjoni: President tal-Federazzjoni Russa tal-Isport tal-Lotta (FSBR); Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Lotta (UWW); Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Russu (ROC); Kurunell Data tat-twelid: 21.11.1963 Post tat-twelid: Konotop, Sumy region, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa 773117804958	Mikhail Mamiashvili huwa l-President tal-Federazzjoni Russa tal-Isport tal-Lotta, Viċi President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Lotta (UWW) u membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Russu. Fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Bord Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Russu (ROC) ħa deċiżjoni unilaterali li jinkludi l-organizzazzjonijiet sportivi reġjonali taħt l-awtorità tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Ukren bħala membri tiegħu, jiġifieri r-Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhya, u r-reġjun ta' Kherson. Dan irriżulta fis-sospensjoni tal-Kumitat Olimpiku Russu mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (IOC). Mikhail Mamiashvili jappoġġa pubblikament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa proponent vokali tan-narrattivi tal-Kremlin u jipparteċipa b'mod attiv fl-isforzi mmirati biex jiġġustifikaw l-invażjoni. Id-dikjarazzjonijiet pubbliċi u l-affiljazzjonijiet politiċi tiegħu jikkontribwixxu għal-leġittimizzazzjoni u s-sostenn ta' azzjonijiet li jdgħajfu s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa figura prominenti fis-sistema sportiva kkontrollata mill-istat tar-Russja u huwa affiljat mill-qrib ma' rappreżentanti ewlenin tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa għandu rabtiet personali u professjonali mill-qrib mal-ogħla livelli tat-tmexxija Russa, inkluż il-President Vladimir Putin. Għalhekk, Mikhail Mamiashvili qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2093.	Stanislav Alekseyevich POZDNYAKOV bir-Russu: Станислав Алексеевич ПОЗДНЯКОВ	Funzjoni: Eks President tal-Kumitat Olimpiku tal-Federazzjoni Russa (2018-2024); Membru tal-Bord tal-Klabb Sportiv Ċentrali Russu tal-Armata (CSKA); Logutenent Ġeneral tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 27.9.1973 Post tat-twelid: Novosibirsk, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa 540696245433	Stanislav Pozdnyakov, li jaġixxi fil-kapaċità ta' President tal-Kumitat Olimpiku tal-Federazzjoni Russa, appoġġa l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u approva l-mobilizzazzjoni ta' atleti Russi biex imorru għall-gwerra. Taħt il-presidenza tiegħu, fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Bord Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Russu (ROC) ħa deċiżjoni unilaterali li jinkludi l-organizzazzjonijiet sportivi reġjonali taħt l-awtorità tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Ukren bħala membri tiegħu, jiġifieri r-Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u Luhansk, ir-reġjun ta' Zaporizhzhya, u r-reġjun ta' Kherson. Dan irriżulta fis-sospensjoni tal-Kumitat Olimpiku Russu mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (IOC). Stanislav Pozdnyakov huwa membru tal-Bord tal-Klabb Sportiv Ċentrali Russu tal-Armata (CSKA) u Logutenent Kurunell tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Is-CSKA huwa dipartiment tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Stanislav Pozdnyakov qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2094.	Oleg Valentinovich BELOZEROV bir-Russu: Олег Валентинович БЕЛОЗЁРОВ	Funzjoni: Direttur Ġenerali u President tal-Bord Eżekuttiv ta' Russian Railways Data tat-twelid: 26.9.1969 Post tat-twelid: Ventspils, Latvia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Belozerov huwa d-Direttur Ġenerali u l-President tal-Bord Eżekuttiv ta' Russian Railways, kumpanija tal-istat. Qabel il-ħatra tiegħu f'din il-pożizzjoni fl-2015, huwa serva bħala l-Ewwel Viċi Ministru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa (2015), Viċi Ministru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa (2009-2015) u l-kap tal-Aġenzija Federali Russa tat-Toroq (2004-2009). Russian Railways hija kumpanija tal-istat li topera wieħed mill-akbar networks ferrovjarji tad-dinja, li sservi bħala s-sinsla kritika għall-ekonomija u l-militar tar-Russja. Hija qed tiffaċilita l-konsenji ta' tagħmir u persunal militari lejn iż-żona tal-ħekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali" fl-Ukrajna. L-istruttura organizzattiva ta' Russian Railways hija marbuta mal-elit politiku u dak militari tar-Russja, kif ukoll mal-apparat statali u militari. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' Russian Railways, Oleg Belozerov appoġġa pubblikament l-ħekk imsejħa "operazzjoni militari speċjali" fl-Ukrajna. Kien preżenti għal-laqgħa tan-negozjanti fil-Kremlin mal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin fil-jum tal-bidu tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022. Oleg Belozerov għandu rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Għalhekk, Oleg Belozerov qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2095.	Vladimir Rostislavovich MEDINSKY (bir-Russu: Владимир Ростиславович МЕДИНСКИЙ	Funzjoni: politiku, xjentist politiku, storiku, kittieb u assistent ta' Vladimir Putin Data tat-twelid: 18.7.1970 Post tat-twelid: Smila, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Medinsky huwa storiku Russu u ilu żmien twil assistent ta' Vladimir Putin. Fl-2025, mexxa d-delegazzjoni Russa fin-negozjati bejn ir-Russja u l-Ukrajna fit-Turkija. Huwa figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern. Kiteb kotba tal-iskola li jippreżentaw lill-Ukrajna bħala parti minn "dinja Russa", iddefenda l- "operazzjoni militari speċjali" fl-Ukrajna, u ċaħad il-ħtif ta' tfal Ukreni mir-Russja. Għaldaqstant, Vladimir Medinsky jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna, bl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza koordinati.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2096.	Roman Geradotovich DEMURCHIEV (bir-Russu: Роман Герадотович ДЕМУРЧИЕВ	Funzjoni: Maġġur Ġeneral; Viċi kmandant tat-20th Combined Arms Army fil-Western Group of Forces tal-Forzi Armati Russi Data tat-twelid: 30.8.1976 Post tat-twelid: Tatarstan, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Russian Federation, Tatarstan, Kazan, st. Karbysheva, 13, sq. 39; Russian Federation, Volgograd region, Kamyshin, st. Gorokhovskaya, territory in / h 74507 Passaport: 9204926737 Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Roman Demurchiev huwa Maġġur Ġeneral tal-Forzi Armati Russi. Kellu rwoli għolja ta' kmand matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż kmandant tal-42nd Guards Motor Rifle Division, li hija parti mill-58th Combined Arms Army tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, u Viċi Kmandant tat-20th Combined Arms Army fi ħdan il-Western Group of Forces tal-Forzi Armati Russi, li huwa parti mill-Forzi Armati Russi u jipparteċipa direttament fil-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jinvolvi ruħu f'tortura, eżekuzzjonijiet u l-profanazzjoni tal-iġsma tal-persunal militari Ukren, inkluż priġunieri tal-gwerra. Huwa rċieva premju mill-gvernatur tar-reġjun ta' Moska, kif ukoll waħda mill-ogħla dekorazzjonijiet tal-istat tar-Repubblika taċ-Ċeċenja. Fl-2023, il-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin tah il-grad ta' Maġġur Ġeneral. Għaldaqstant, Roman Demurchiev huwa persuna fiżika li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2097.	Denis Aleksandrovich MERZLIKIN bir-Russu: Денис Александрович МЕРЗЛИКИН	Funzjoni: Fundatur u direttur ta' Limited Liability Company "ASFPV" Data tat-twelid: 11.1.1981 Post tat-twelid: Saint Petersburg Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Saint Petersburg, Vavilovykh street, 15–3 INN: 780430431672 Telefown: +79522801101 Profil tan-network soċjali: https://vk.com/merzlikind Posta elettronika: merzlikind2009@yandex.ru; merzlikind2009@ya.ru	Denis Merzlikin huwa l-fundatur u d-direttur ta' LLC "ASFPV", kumpanija Russa li timmanifattura droni ("Veterok 7", "Veterok10", u "Veterok 13"), detetturi tad-droni (Gorn), u rkiekel tal-fibra ottika għall-Forzi Armati Russi. Dawn id-droni, id-detetturi tad-droni u l-irkiekel tal-fibra ottika jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Denis Merzlikin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, permezz tal-pożizzjoni tiegħu qed jappoġġa l-kumpless militari u industrijali tar-Russja billi huwa involut fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-forniment ta' teknoloġija militari.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2098.	Olga Aleksandrovna KORCHAGINA bir-Russu: Ольга Александровна КОРЧАГИНА	Funzjoni: Fundatur ta' SDB "Piranya" Data tat-twelid: 25.4.1972 Nazzjonalità: Russa Sess: mara INN: 732703148651 Nru tal-passaport: 7317205966	Olga Korchagina hija l-fundatriċi ta' Simbirsk Design Bureau "Piranya" (SDB "Piranya"), kumpanija bbażata fir-Russja li timmanifattura droni użati mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. SDB "Piranya" timmifattura droni b'pilotaġġ immersiv (FPV) u speċifikament il-mudelli "Piranya-7", "Piranya-10" u "Piranya-13". Il-kumpanija timmanifattura sa 10 000 dron fix-xahar u l-Armata Russa tqis li l-prodotti tagħha huma estremament siewja fl-operazzjonijiet militari tagħha. Għalhekk, Olga Korchagina, bħala fundatriċi ta' Simbirsk Design Bureau "Piranya" (SDB "Piranya"), qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġja u tibbenefika wkoll mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2099.	Pavel Alekseevich CHERNYSHOV bir-Russu: Павел Алексеевич ЧЕРНЫШОВ	Funzjonijiet: Direttur ta' SDB "Piranya" Data tat-twelid: 9.5.1984 Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel INN: 732508747179 Numru tal-passaport: 7304202860	Pavel Chernyshov huwa d-direttur u l-fundatur ta' Simbirsk Design Bureau "Piranya" (SDB "Piranya"), kumpanija bbażata fir-Russja li timmanifattura droni użati mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. SDB "Piranya" timmifattura droni b'pilotaġġ immersiv (FPV) u speċifikament il-mudelli "Piranya-7", "Piranya-10" u "Piranya-13". Il-kumpanija timmanifattura sa 10 000 dron fix-xahar u l-Armata Russa tqis li l-prodotti tagħha huma estremament siewja fl-operazzjonijiet militari tagħha. Għalhekk, Pavel Chrnyshov, bħala direttur u fundatatur ta' Simbirsk Design Bureau "Piranya" (SDB "Piranya"), qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa qed jappoġġja u jibbenefika wkoll mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2100.	Suniel Kumar SHARMA	Funzjoni: Direttur Maniġerjali ta' Oceaniek International Data tat-twelid: 7.10.1979 Nazzjonalità: Indjana Sess: raġel Indirizz: Chandigarh, India Entitajiet assoċjati: Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry; MSTA-International Maritime Registries & Regulatory Inc.	Suniel Kumar Sharma huwa negozjant involut fl-istabbiliment ta' reġistri tal-bastimenti f'diversi pajjiżi. Ħafna mill-gvernijiet ta' dawk il-pajjiżi aktar tard irrifjutaw l-involviment tiegħu u akkużaw lilu jew lil kumpaniji marbuta miegħu li joperaw mingħajr awtorità xierqa, li ħarġu ċertifikati invalidi, jew li komplew bl-attivitajiet tar-reġistri wara li l-approvazzjonijiet ġew revokati. Diversi gvernijiet irrappurtaw li entitajiet konnessi miegħu rreġistraw bastimenti b'mod frawdolenti. Huwa d-direttur maniġerjali ta' Oceaniek Technologies, li hija ċ-ċentru amministrattiv għal diversi intrapriżi marittimi, inkluż MSTA-International Maritime Registries & Regulatory Inc u Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry. Għalhekk, Suniel Kumar Sharma huwa assoċjat ma' MSTA-International Maritime Registries & Regulatory Inc u Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry, it-tnejn elenkati fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 għall-għoti ta' appoġġ materjali lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum mir-Russja filwaqt li jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2101.	Aleksei Yuryevich MANIKIN bir-Russu: Алексей Юрьевич МАНИКИН	Funzjoni: Sid benefiċjarju u koproprjetarju ta' "Beget" LLC Data tat-twelid: 12.7.1986 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa: 470607765800 Individwi assoċjati: Aleksandr Evgenievich Klukov; Aleksandr Yuryevich Iljin Entitajiet assoċjati: "Beget" LLC	Aleksei Manikin huwa s-sid benefiċjarju u l-koproprjetarju ta' "Beget" LLC u huwa wieħed minn dawk li jiddeċiedi l-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija. Mill-2014, il-kumpanija "Beget" LLC konxjament ipprovdiet servizzi lil awtoritajiet illegali appoġġati mir-Russja, organizzazzjonijiet militarizzati u proġetti propagandisti fil-Krimea, Donetsk u Luhansk annessi illegalment, kif ukoll lil għadd sinifikanti ta' kumpaniji tad-difiża Russi rilevanti għall-isforzi tar-Russja biex tkompli l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk Alexei Manikin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa assoċjat ma' persuni ġuridiċi li jappoġġaw dawn il-politiki u azzjonijiet. Qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja u qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2102.	Aleksandr Yuryevich ILJIN bir-Russu: Александр Юрьевич ИЛЬИН	Funzjoni: Sid benefiċjarju u koproprjetarju ta' "Beget" LLC Data tat-twelid: 2.1.1987 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tal-kontribwent: 470316093695 Individwi assoċjati: Manikin Aleksei Yuryevich; Aleksandr Evgenievich Klukov Entitajiet assoċjati: "Beget" LLC	Aleksandr Iljin huwa s-sid benefiċjarju u l-koproprjetarju ta' "Beget" LLC u huwa wieħed minn dawk li jiddeċiedi l-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija. Mill-2014, il-kumpanija "Beget" LLC konxjament ipprovdiet servizzi lil awtoritajiet illegali appoġġati mir-Russja, organizzazzjonijiet militarizzati u proġetti propagandisti fil-Krimea, Donetsk u Luhansk annessi illegalment, kif ukoll lil għadd sinifikanti ta' kumpaniji tad-difiża Russi rilevanti għall-isforzi tar-Russja biex tkompli l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk Aleksandr Iljin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa assoċjat ma' persuni ġuridiċi li jappoġġaw dawn il-politiki u azzjonijiet. Qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja u qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2103.	Aleksandr Evgenievich KLUKOV bir-Russu: Александр Евгеньевич КЛЮКОВ	Funzjoni: Fundatur u Direttur Ġenerali ta' "Beget" LLC u "Beget Kazakhstan" LLC Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa: 781430645940 Individwi assoċjati: Aleksei Yuryevich Manikin; Aleksandr Yuryevich Iljin Entitajiet assoċjati: "Beget" LLC	Aleksandr Klukov huwa l-fundatur u d-Direttur Ġenerali ta' "Beget" LLC u huwa wieħed minn dawk li jiddeċiedi l-istrateġija tan-negozju tal-kumpanija. Mill-2014, il-kumpanija "Beget" LLC konxjament ipprovdiet servizzi lill-awtoritajiet illegali appoġġati mir-Russja, organizzazzjonijiet militarizzati u proġetti propagandisti fil-Krimea, Donetsk u Luhansk, okkupati mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk Aleksandr Klukov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u huwa assoċjat ma' persuni ġuridiċi li jappoġġaw dawn il-politiki u azzjonijiet. Qed jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll il-kumpless militari u industrijali tar-Russja u qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2104.	Felix Vladimirovich YEVTUSHENKOV magħruf ukoll bħala Felix Vladimirovich EVTUSHENKOV magħruf ukoll bħala Felix Vladimirovič JEVTUŠENKOV bir-Russu: Феликс Владимирович ЕВТУШЕНКОВ	Funzjoni: membru tal-Bord tad-Diretturi u azzjonist ta' 15,2 % ta' PJSC AFK Sistema Data tat-twelid: 14.11.1978 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Apartment 34, 52 3-YA, Tverskaya Yamska, Russia, Moscow, 125047 Nru tal-passaport: 513519275; 514841480 Individwi assoċjati: Vladimir Petrovich Yevtushenkov	Felix Yevtushenkov ilu parti mill-ġestjoni ta' PJSC AFK Sistema mill-2008. Huwa membru tal-Bord tad-Diretturi u azzjonist ta' 15,2 % ta' PJSC AFK Sistema. Fl-2018, sar il-Viċi President tal-Bord tad-Diretturi ta' PJSC AFK Sistema. F'dak iż-żmien il-Bord kien ippresedut minn missieru Vladimir Petrovich Yevtushenkov. PJSC AFK Sistema hija konglomerat b'interessi kummerċjali f'diversi setturi tal-ekonomija Russa. Hija s-sid ta' u tikkontrolla kumpaniji li jinkludu Agroholding Steppe (agrikoltura), BESK (enerġija), Binnofarm (farmaċewtika), Cosmos Hotel Group (turiżmu), Element (elettronika), Intourist (turiżmu), Medsi (kura tas-saħħa), Ozon (kummerċ elettroniku), JSC Region (industrija militari) u Segezha (industrija tal-foresti, tax-xogħol bl-injam, tal-polpa u tal-karta). PJSC AFK Sistema hija involuta wkoll fis-setturi tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġiji diġitali, inkluż permezz tas-sehem tagħha f'PJSC Mobile TeleSystems (MTS), kif ukoll fis-servizzi bankarji, peress li MTS-Bank hija proprjetà ta' PJSC MTS permezz ta' Mobile TeleSystems B.V. Permezz ta' BESK u s-sussidjarji tagħha Bashkirenergo, BSK u Besk Engineering, PJSC AFK Sistema hija involuta fis-settur tal-enerġija li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Vladimir Yevtushenkov kien is-sid maġġoritarju ta' PJSC AFK Sistema sa April 2022 meta ttrasferixxa parti tal-ishma tiegħu lil ibnu, Felix Vladimirovich Yevtushenkov. Bħala membri tal-familja u sħab kummerċjali, it-tnejn għad għandhom sehem ta' kontroll, bi Vladimir Petrovich Yevtushenkov, li huwa elenkat mill-Unjoni, li għandu sehem ta' 49,2 % u Felix Vladimirovich Yevtushenkov għandu sehem ta' 15,2 % tal-istokkijiet ta' PJSC AFK Sistema. Għaldaqstant, Felix Yevtushenkov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, u negozjant involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa assoċjata wkoll ma' Vladimir Petrovich Yevtushenkov.	23.7.2026;"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"820.	Joint Stock Company "Bank DOM.RF" (bir-Russu: Акционерное Общество "Банк ДОМ.РФ"	Indirizz: 10, Vozdvizhenka Street, Moscow, 125009, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.4.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7725038124 KPP: 770401001 Telefown: +7 (495) 956-68-26; +7 (495) 775-86-86; +7 (495) 775-47-40 Fax: +7 (495) 203-86-06 Email: aleksandr.babuchin@domrf.ru, isb@domrf.ru Sit web: https://domrfbank.ru/	Joint Stock Company "Bank DOM.RF" hija bank Russu li huwa inkluż fil-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sistematikament importanti mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Joint Stock Company "Bank DOM.RF" hija inkluża fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Company "Bank DOM.RF" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
821.	Joint Stock Company Commercial Bank "Lanta-Bank" (bir-Russu: Акционерное Общество Коммерческий Банк "Ланта-Банк"	Indirizz: 9 Novokuznetskaya Street, building 2, Moscow, 115184, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 24.6.1992 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7705260427 KPP: 770501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 957-00-00; +7 (495) 959-36-57 Fax: +7 (495) 959-29-59 Sit web: http://www.Lanta.ru	JSC Commercial Bank "Lanta-Bank" huwa bank Russu universali li jiffoka fuq operazzjonijiet bankarji kummerċjali u bl-imnut, operazzjonijiet b'titoli, munita barranija u metalli prezzjużi. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Commercial Bank "Lanta-Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
822.	PJSC "AK BARS" Bank (bir-Russu: ПАО "АК БАРС" Банк	Indirizz: 1 Dekabristov Street, Kazan, Republic of Tatarstan, 420066, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 29.11.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1653001805 KPP: 165601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (843) 519-39-74; +7 (843) 222-83-33 Email: canc@akbars.ru, www.akbars.ru, kanc@akbars.ru Sit web: quickweb.akbars.ru	PJSC "AK BARS" Bank hija waħda mill-aqwa 20 istituzzjoni finanzjarja tar-Russja skont id-daqs tal-assi. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. PJSC "AK BARS" Bank hija inkluża fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC "AK BARS" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
823.	Public Joint Stock Company "Bank Uralsib" (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "Банк Уралсиб"	Indirizz: 119048, City Of Moscow, St. D. Efremova 8 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 28.1.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 0274062111 KPP: 770401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (800) 250-57-57; +7 (800) 200-55-20; +7 (495) 785-12-12; +7 (495) 372-39-14; +7 (495) 651-81-09; +7 (495) 609-26-97 Fax: +7 (495) 745-70-10 Email: bank@uralsib.ru Sit web: https://www.uralsib.ru	PJSC "Bank UralSib" hija fost il-banek Russi ewlenin. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC "Bank Uralsib" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
824.	PJSC Bank ZENIT (bir-Russu: ПАО Банк ЗЕНИТ	Indirizz: Odesskaya Street, 2, Moscow, Russia, 117638 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 22.6.1995 Numru tar-reġistrazzjoni: Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7729405872 KPP: 772701001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 937-07-37 Fax: +7 (495) 937-07-36 Email: info@ZENIT.ru Sit web: http://www.ZENIT.ru	PJSC "Bank ZENIT" hija istituzzjoni ta' kreditu bbażata f'Moska u hija fost l-aqwa 40 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Hija sussidjarja ta' Tatneft, li għandha sehem maġġoritarju. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC "Bank ZENIT" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
825.	Public Joint Stock Company Commercial Bank "Primorye" (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество Акционерный Коммерческий Банк "Приморье" PJSC AKB "Primorye" ПАО АКБ "Приморье"	Indirizz: 47 Svetlanskaya St., Vladivostok, Primorsky Krai, 690091, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 27.7.1994 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2536020789 KPP: 253601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (423) 222-12-55; +7 (423) 222-39-21; +7 (95) 292-87-52 Email: mail@primbank.ru, zno@primbank.ru Sit web: http://www.primbank.ru	Public Joint Stock Company Commercial Bank "Primorye" hija istituzzjoni finanzjarja ewlenija fil-Lvant Imbiegħed Russu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Public Joint Stock Company Commercial Bank "Primorye" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjonital-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
826.	Public Joint Stock Company "Metallinvestbank" magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company "Metalurgical Investment Bank" (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "Металлинвестбанк" magħrufa wkoll bħala Публичное Акционерное Общество "Металлургический Инвестиционный Банк"	Indirizz: 47 Bolshaya Polyanka St, Bldg 2, Moscow, 119180 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 2.8.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7709138570 KPP: 770601001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 784-69-05; +7 (495) 727-97-97 Fax: +7 (495) 784-69-05 Email: smev@metib.ru Sit web: http://www.metallinvestbank.ru	Public Joint Stock Company "Metallinvestbank" hija istituzzjoni ta' kreditu universali Russa b'pożizzjonijiet tas-suq b'saħħithom biex taqdi intrapriżi metallurġiċi kbar u intrapriżi ta' industriji relatati. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Public Joint Stock Company "Metallinvestbank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
827.	Public Joint Stock Company "MTS-Bank" (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "МТС-Банк"	Indirizz: 115432, Moscow city, Andropov Avenue, 18 k. 1 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 29.1.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770202045051 KPP: 772501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 101-28-00; +7 (495) 921-28-00 Fax: +7 (495) 232-27-54; +7 (495) 921-28-00 Email: gosuslugi@mtsbank.ru Sit web: https://www.mtsbank.ru/	Public Joint Stock Company "MTS-Bank" hija bank kummerċjali universali Russu ewlieni. Twettaq operazzjonijiet bankarji kif ukoll attivitajiet ta' depożitarju, ta' negozjar u ta' senserija. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Public Joint Stock Company "MTS-Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
828.	PJSC Bank Sinara (bir-Russu: АО Банк Синара	Indirizz: Kuybysheva St., 75, Yekaterinburg, Sverdlovsk Region, Russia, 620026 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 2.11.1990 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6608003052 KPP: 667101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: 8 (343) 355-75-75; 8-800-1000-600 Fax: 8 (343) 251-42-22 Email: clients@skbbank.ru; digital@sinara.ru Sit web: https://sinara.ru/chastnym-licam	PJSC Bank Sinara hija bank Russu bbażat fir-Reġjun ta' Sverdlovsk. Hija klassifikata fost l-aqwa 50 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Hija attiva fil-proġett pilota għal operazzjonijiet b'rubli diġitali reali mnedija mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC Bank Sinara hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
829.	Public Joint Stock Company "SDM-Bank" (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "СДМ-Банк"	Indirizz: 73 Volokolamskoye Shosse, Moscow, 125424, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 29.11.1991 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7733043350 KPP: 773301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 490-15-45; +7 (495) 705-90-90 Fax: +7 (495) 490-65-09 Email: post@sdm.ru Sit web: http://www.sdm.ru	Public Joint Stock Company "SDM-Bank" hija bank kummerċjali Russu, li jiffoka primarjament fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Public Joint Stock Company "SDM-Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
830.	Public Joint Stock Company "Transkapitalbank" magħrufa wkoll bħala TKB Bank PJSC (bir-Russu: Публичное Акционерное Общество "Транскапиталбанк" magħrufa wkoll bħala ТКБ Банк ПАО	Indirizz: 27/35 Vorontsovskaya Street, Moscow, 109147, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 24.12.1992 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7709129705 KPP: 770901001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: info@tkbbank.ru Sit web: www.tkbbank.ru	Public Joint Stock Company "Transkapitalbank" hija istituzzjoni ta' kreditu bbażata f'Moska u hija fost l-aqwa 30 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Hija attiva fil-proġett pilota għal operazzjonijiet b'rubli diġitali reali mnedija mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Public Joint Stock Company "Transkapitalbank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
831.	PJSC KB "Center-Invest" (bir-Russu: ПАО КБ "Центр-инвест"	Indirizz: 62 Sokolova Ave, Rostov-on-Don, Russia, 344000 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 28.12.1992 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6163011391 KPP: 616301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (863) 2-000-000; +7 (863) 267-47-37 Email: welcome@centrinvest.ru Sit web: https://www.centrinvest.ru/	PJSC KB "Center-Invest" hija l-bank reġjonali ewlieni fin-Nofsinhar tar-Russja, bil-kwartieri ġenerali f'Rostov-on-Don. Hija attiva fil-proġett pilota għal operazzjonijiet b'rubli diġitali reali mnedija mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC KB "Center-Invest" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
832.	JSC "Auto Finance Bank" (bir-Russu: АО "Авто Финанс Банк"	Indirizz: 29 Serebryanicheskaya Embankment, Moscow, 109028, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 20.9.1989 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5503067018 KPP: 770901001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://autofinancebank.ru/	JSC "Auto Finance Bank" hija bank Russu proprjetà tal-akbar manifattur tal-karozzi tal-pajjiż JSC AvtoVAZ, entità elenkata mill-Unjoni. Il-bank għandu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-programm preferenzjali u sussidjat ta' self għall-karozzi mniedi mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC "Auto Finance Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
833.	Joint Stock Commercial Bank "Absolut Bank" (Public Joint-Stock Company) (bir-Russu: Акционерный Коммерческий Банк "Абсолют Банк" (Публичное Акционерное Общество)	Indirizz: Leningradsky Avenue, 31A, Building 1, Moscow, Russia, 125284 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 22.4.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703023696 KPP: 772901001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 777-71-71 Email: info@absolutbank.ru Sit web: https://absolutbank.ru/	Joint Stock Commercial Bank "Absolut Bank" huwa istituzzjoni ta' kreditu bbażata f'Moska u hija fost l-aqwa 30 bank Russu skont id-daqs tal-assi. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Commercial Bank "Absolut Bank" huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
834.	Limited Liability Company "Bank Tochka" (bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью "Банк Точка"	Indirizz: 109044, Moscow, 3rd Krutitsky per., 11, room 7N 109456, Moscow, Proezd 1-I Veshnyakovskii, Building 1, Structure 8 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 10.1.2023 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9721194461 KPP: 772301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: banktochka@tochka.com Telefown: 7 (495) 258 33 50; 8 (495) 787-89-55; 8 (800) 200 00 24; 8 (800) 600 46 57	Limited Liability Company "Bank Tochka" hija bank diġitali Russu kbir li jiffoka fuq l-għoti ta' servizzi bankarji lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Limited Liability Company "Bank Tochka" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
835.	Limited Liability Company "OZON Bank" (bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью "ОЗОН Банк"	Indirizz: 10, Presnenskaya Embankment, Floor 19, Moscow, 123112, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 11.3.2022 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9703077050 KPP: 770301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://finance.ozon.ru/	Limited Liability Company "OZON Bank" hija bank Russu kbir li jiffoka fuq is-servizzi diġitali. Il-Bank Ċentrali tar-Russja inkluda uffiċjalment lil Limited Liability Company "OZON Bank" fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Limited Liability Company "OZON Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
836.	JSC "Rosselkhozbank" magħruf ukoll bħala RSHB magħruf ukoll bħala JSC Russian Agricultural Bank bir-Russu: АО "Россельхозбанк" magħruf ukoll bħala РСХБ	Indirizz: 3 Gagarinsky Pereulok, Moscow, 119034, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 24.4.2000 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7725114488 KPP: 770401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (800) 100-01-00; +7 (495) 363-06-45; +7 (495) 363-02-90; +7 (495) 787-77-87; +7 (495) 777-11-00 Fax: +7 (495) 363-02-76 Sit web: https://www.rshb.ru	JSC "Rosselkhozbank" hija waħda mill-akbar banek fir-Russja. Huwa inkluż fil-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sistematikament importanti u fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC "Rosselkhozbank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
837.	LLC Commercial Bank "Kuban Credit" (bir-Russu: ООО КБ "Кубань Кредит"	Indirizz: 46 Ordzhonikidze St / 32 Krasnoarmeyskaya St, Krasnodar, Russia, 350000 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 28.9.1993 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2312016641 KPP: 231001001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: bank@kk.bank Sit web: https://kk.ru/	LLC Commercial Bank "Kuban Credit" huwa l-akbar istituzzjoni finanzjarja fi Krasnodar Krai tal-Federazzjoni Russa. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC Commercial Bank huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
838.	JSC "Yandex Bank" bir-Russu: АО "Яндекс Банк"	Indirizz: 10 Gruzinsky Val St, Building 4, Moscow, Russia, 123557 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 4.8.1994 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7750004168 KPP: 770301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 495 787-37-96 Sit web: https://yabank.yandex.ru	JSC "Yandex Bank" hija bank Russu li huwa inkluż fil-lista tal-aktar banek importanti fis-suq tas-servizzi ta' pagament mill-Bank Ċentrali tar-Russja. JSC "Yandex Bank" iffirmat ftehim mal-Bank Ċentrali tar-Russja biex tipparteċipa fil-proġett pilota għar-rublu diġitali. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC "Yandex Bank" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
839.	JSC Russian Bank for Small and Medium Enterprises Support magħrufa wkoll bħala JSC SME Bank bir-Russu: Акционерное общество "Российский Банк поддержки малого и среднего предпринимательства" magħrufa wkoll bħala АО "МСП Банк"	Indirizz: 79 Sadovnicheskaya Street, Moscow, 115035, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 7.7.1999 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7703213534 KPP: 770501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: 8 (800) 100-11-00 Sit web: www.mspbank.ru	JSC Russian Bank for Small and Medium Enterprises Support hija bank speċjalizzat proprjetà tal-istat Russu ffukat fuq l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Russian Bank hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
840.	JSC Roseximbank bir-Russu: АО Росэксимбанк	Indirizz: 12 Krasnopresnenskaya Embankment, Moscow, 123610, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 18.4.1994 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704001959 KPP: 770301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 (495) 967-07-67 Email: mailbox@eximbank.ru	JSC Roseximbank hija bank speċjalizzat tal-esportazzjoni u l-importazzjoni proprjetà tal-istat Russu u huwa importanti għall-politika kummerċjali barranija u l-infrastruttura ekonomika tar-Russja. JSC Roseximbank hija s-sellief speċjalizzat għar-Russian Export Center (REC), li huwa sussidjarju tal-korporazzjoni tal-istat VEB.RF li hija soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Roseximbank hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
923.	LLC Megion Drilling Operations Department bir-Russu: ООО "Мегионское управление буровых работ"	Indirizz: 628680, Khanty-Mansi Autonomous Okrug - Yugra, Megion, V.A. Abazarov St., bldg. 7, Russian Federation Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 8605016650 Telefown: (34643) 47-970 Email: uubr@mng.slavneft.ru Entitajiet assoċjati: PJSC Slavneft	LLC Megion Drilling Operations Department hija kumpanija attiva fis-settur tal-enerġija Russu. Bħala parti minn Slavneft, kumpanija Russa importanti taż-żejt u l-gass, LLC Megion Drilling Operations Department tinvolvi ruħha fl-estrazzjoni, it-trasport u l-produzzjoni taż-żejt, filwaqt li tisfrutta b'mod partikolari l-għelieqi tal-minerali fis-Siberja tal-Punent. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-setturi taż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC Megion Drilling Operations Department hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
924.	LLC Slavneft-Nizhnevartovsk bir-Russu: ООО ”Славнефть-Нижневартовск”	Indirizz: 628680, Khanty-Mansi Autonomous Okrug – Yugra, Megion, ul. Nefterazvedochnaia, 2, pomeshch. 17, Russian Federation Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 890507541060 Telefown: (3466) 31-10-95 Email: snnv@gazprom-neft.ru Entitajiet assoċjati: PJSC Slavneft	LLC Slavneft-Nizhnevartovsk hija kumpanija attiva fis-settur tal-enerġija Russu u parti minn Slavneft. LLC Slavneft-Nizhnevartovsk hija involuta fil-produzzjoni taż-żejt. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-setturi taż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC Slavneft-Nizhnevartovsk hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
925.	PJSC Obneftegazgeologiya bir-Russu: ПАО "Обьнефтегазгеология"	Indirizz: 628684, Khanty-Mansi Autonomous Okrug – Yugra district, Megion, Neftyanikov st., bldg. 14, room 12, Russian Federation Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 8602016394 Telefown: (3462) 37-75-08 Email: info@ongg.ru Entitajiet assoċjati: PJSC Slavneft	PJSC Obneftegazgeologiya hija kumpanija Russa attiva fis-settur tal-enerġija u hija parti minn Slavneft. PJSC Obneftegazgeologiya tinvolvi ruħha fl-estrazzjoni, it-trasport u l-produzzjoni taż-żejt. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-setturi taż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC Obneftegazgeologiya hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
926.	PJSC Levoberezhny Bank bir-Russu: ПАО "Левобережный банк"	Indirizz: 630102, Novosibirsk Region, Novosibirsk, 48 Kirova Street, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 19.7.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 5404154492 / 540501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: root@nskbl.ru Website: www.nskbl.ru	PJSC Levoberezhny Bank hija bank reġjonali kbir fir-Russja. Huwa għandu firxa ta' liċenzji, inkluż l-aċċettazzjoni ta' depożiti u s-senserija. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC Levoberezhny Bank hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
927.	JSC Bank Russian Standard bir-Russu: АО "Банк Русский Стандарт"	Indirizz: 105187, Moscow, Tkatskaya St., Building 36, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 3.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 7707056547 / 771901001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: bank@rsb.ru Sit web: https://www.rsb.ru/	JSC Bank Russian Standard hija bank privat ewlieni Russu. Huwa jwettaq operazzjonijiet bankarji kif ukoll attivitajiet ta' ġestjoni tat-titoli, depożitarji, negozjanti u senserija. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Bank Russian Standard huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
928.	PJSC Ural Bank For Reconstruction And Development magħrufa wkoll bħala UBRR bir-Russu: ПАО "Уральский банк реконструкции и развития" magħrufa wkoll bħala ПАО "УБРиР"	Indirizz: 620063, Sverdlovsk Region, Yekaterinburg, 8 March Street, Building 51, Floor 11, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.8.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 6608008004 / 667101001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: broker@ubrr.ru Sit web: http://reg.ubrr.ru/	PJSC Ural Bank for Reconstruction and Development hija l-akbar bank fir-reġjun ta' Ural u huwa elenkat mal-akbar 25 bank kummerċjali tar-Russja. Iwettaq operazzjonijiet bankarji kif ukoll attivitajiet ta' depożitarju, ta' ġestjoni tat-titoli, ta' negozjar u ta' senserija. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul konsiderevoli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, PJSC Ural Bank for Reconstruction and Development huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
929.	Wildberries Bank LLC magħruf ukoll bħala WB Bank bir-Russu: ООО "Вайлдберриз Банк" (ООО "ВБ Банк")	Indirizz: Moscow, Bolshaya Ordynka, 40, building 4, 119017, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 22.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 0102000578 / 770701001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Email: info@wb-bank.ru Sit web: https://wb-bank.ru	Wildberries Bank LLC hija bank Russu. Għandu firxa ta' liċenzji, inkluż għall-aċċettazzjoni ta' depożiti u s-senserija. Il-bank huwa attiv f'għodod ta' finanzjament tal-SMEs appoġġati mill-istat, promossi mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Wildberries Bank LLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
930.	Blanc Bank LLC bir-Russu: ООО "Бланк банк"	Indirizz: 123112, Moscow, 1st Krasnogvardeisky Passage, 22, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 6.8.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 6027006032 / 770301001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://blanc.ru/ Telefown: (495) 637-80-70	Blanc Bank LLC huwa bank Russu. Dan jappartjeni għall-grupp Moscow Credit Bank. Il-Credit Bank of Moscow huwa inkluż fil-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sistematikament importanti fir-Russja. Blanc Bank LLC tispeċjalizza fis-servizzi bankarji, ta' senserija u ta' depożitu. Is-settur bankarju huwa settur li jipprovdi dħul konsiderevoli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Blanc Bank LLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
931.	Bl-Ingliż: JSC "IRZ" magħrufa wkoll bħala v JOINT-STOCK COMPANY "IZHEVSK RADIO PLANT" bir-Russu: АО "ИРЗ" АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "ИЖЕВСКИЙ РАДИОЗАВОД"	Indirizz: 426034, Udmurt Republic. Izhevsk, ul. Bazisnaya, zd. 19, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 19.8.2002 OGRN: 1021801502183 INN: 1833013253 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet assoċjati oħra: Limited Liability Company "Irz-Svyaz"	JSC "IRZ" hija kumpanija azzjonarja Russa, li hija s-sid ta' LLC "Irz-Svyaz", li hija manifattur ta' sistemi ta' komunikazzjoni li jwettqu l-funzjoni ta' swiċċjar, l-aktar għal riċevituri tan-navigazzjoni u għandha liċenzji għall-produzzjoni u t-tiswija ta' armi u tagħmir militari. Bħala sussidjarja ta' JSC "IRZ", LLC "Irz-Svyaz" tforni komponenti lill-kumpless militari-industrijali tal-Federazzjoni Russa, peress li l-prodotti manifatturati tagħha jintużaw fl-UAVs "Orlan-10" u "Tachion", użati mill-forzi armati Russi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, LLC "Irz-Svyaz" hija waħda mill-intrapriżi sistematikament importanti fir-Russja, fil-qasam tar-riċevituri tan-navigazzjoni għall-GPS u GLONASS, li hija sistema ta' navigazzjoni bis-satellita ddisinjata għal navigazzjoni operazzjonali u appoġġ tal-ħin għal għadd illimitat ta' utenti bbażati fuq l-art, il-baħar, l-ajru u l-ispazju. Għalhekk, bħala l-uniku azzjonist u sid ta' LLC "Irz-Svyaz", JSC "IRZ" qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed tibbenefika mill-kumpless militari-industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
932.	LLC "Tatneft-Samara" bir-Russu: ООО "Татнефть-Самара"	Indirizz: 423462, Russian Federation, Republic of Tatarstan, Almetyevsk, R. Fakhretdina, str. 43. Data ta' reġistrazzjoni: 8.12.2009. Numru tar-reġistrazzjoni: 1091644003725 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel./Fax: 8(8553) 38-79-02 Email: tnsamara@tatneft.ru Sit web: https://tatneft-samara.ru/	LLC "Tatneft-Samara" hija kumpanija attiva fis-settur tal-enerġija Russu u sussidjarja ta' PJSC TATNEFT, wieħed mill-akbar produtturi taż-żejt tar-Russja. Hija involuta fl-esplorazzjoni ġeoloġika, fit-tħaffir, fl-iżvilupp u fit-tħaddim ta' siti taż-żejt u tal-gass, fit-trattament taż-żejt u tal-gass, u fl-ipproċessar tal-gass tal-petroleum. LLC "Tatneft-Samara" qed tespandi f'reġjuni ġodda, u qed iżżid il-bażi tar-riżorsi tagħha barra mit-Tatarstan. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-setturi taż-żejt u l-gass, jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, LLC "Tatneft-Samara" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
933.	Sistema magħrufa wkoll bħala Sistema PJSFC magħrufa wkoll bħala Sistema Public Joint Stock Financial Corporation magħrufa wkoll bħala PJSFC Sistema magħrufa wkoll bħala JSFC Sistema magħrufa wkoll bħala Sistema JSFC magħrufa wkoll bħala Sistema Joint-Stock Financial Corporation magħrufa wkoll bħala Public Joint Stock Company Financial Corporation Sistema magħrufa wkoll bħala AFK Sistema bir-Russu: Публичное акционерное общество Акционерная финансовая корпорация "Система" magħrufa wkoll bħala ПАО АФК "Система" magħrufa wkoll bħala АФК Система	Indirizz: 13 Mokhovaya Str., Building 1, Moscow City, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Moscow Data ta' reġistrazzjoni: 16.7.1993 Numru ta' Identifikazzjoni Primarju tal-Istat (OGRN): 1027700003891 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://sistema.com	Sistema hija konglomerat VAST b'interessi li jikkontrolla kumpaniji f'diversi setturi tal-ekonomija Russa li jinkludu BESK (enerġija), Agroholding Steppe (agrikoltura), Binnofarm (farmaċewtika), Cosmos Hotel Group (turiżmu), Element (elettronika), Intourist (turiżmu), Medsi (kura tas-saħħa), Ozon (kummerċ elettroniku), Region AO (industrija militari) u Segezha (industrija tal-foresti, tax-xogħol bl-injam, tal-polpa u tal-karta). Sistema hija involuta wkoll fis-setturi tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġiji diġitali, inkluż permezz tas-sehem tagħha fil-Mobile TeleSystems (MTS) Public Joint Stock Company. Sistema hija kkontrollata b'mod konġunt minn Vladimir Petrovich Yevtushenkov, negozjant elenkat mill-Unjoni u ibnu Felix Vladimirovich Yevtushenkov. Permezz ta' BESK u s-sussidjarji tagħha Bashkirenergo, BSK u BESK Engineering, Sistema hija involuta fis-settur tal-enerġija. Għalhekk, Sistema hija persuna ġuridika involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija assoċjata wkoll ma' Vladimir Petrovich Yevtushenkov.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
934.	Finist LLC magħrufa wkoll bħala TL TECHNOLOGY bir-Russu: ООО "Финист"	Indirizz: Russian Federation, 115304, Moscow, Kaspiyskaya str., 22, bldg. 1, bld. 5, floor 5, pom. IX, room 17A, of. 76 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 16.11.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 5167746333057 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation INN: 7726391413 KPP: 772401001 Sit web: finist.pro Email: finiststanko@gmail.com	LLC Finist hija fornitur ta' tornijiet CNC ta' preċiżjoni għolja, ċentri tat-tħin, tagħmir għall-produzzjoni ta' prodotti tal-hardware. Il-kumpanija tforni magni tas-CNC li jaqtgħu l-metall għall-manifattura ta' intrapriżi tal-Federazzjoni Russa, inkluż intrapriżi tal-kumpless militari-industrijali. Għalhekk, LLC Finist tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż bl-involviment tagħha fil-forniment ta' tekonoloġija u tagħmir militari. Barra minn hekk, LLC Finist qed tforni tagħmir Ewropew tax-xogħol tal-metall lir-Russja u għalhekk qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
935.	Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" magħrufa wkoll bħala LLC UGMK bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью "Южный Горно-Металлургический Комплекс" magħrufa wkoll bħala ООО "ЮГМК"	Indirizz: 294201, Rep. Luganskaya Narodnaya, Alchevsk, Shmidta St. 4, room 20 Post tar-reġistrazzjoni: Russia's occupied part of the Donbass region Data ta' reġistrazzjoni: 24.10.2022. OGRN: 1229400000158 INN: 9403000070 Post prinċipali tan-negozju: Russia's occupied part of the Donbass region Kumpanija assoċjata: Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex Donetsk" Telefown: +7 (495) 103-12-93 Email: ygmkl@smetalls.com; info@smetalls.com; inform@ygmk.ru Sit web: https://info.ygmk.ru	Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" hija kumpanija ewlenija fl-industriji tal-azzar u tal-minjieri, li tipproduċi ħadid fondut, azzar u ligi tal-ħadid fil-parti okkupata tar-Russja tar-reġjun ta' Donbass. Il-kumpanija tiġġenera volumi kbar ta' dħul mill-parti okkupata tar-Russja tar-reġjun ta' Donbass u fl-2024 ħallset aktar minn 3,7 biljun rublu f'taxxi lir-Russja. Barra minn hekk, il-Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" tforni materja prima lill-kumpless militari-industrijali tar-Russja. Għalhekk Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" qed tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Ukrajna u qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u, bħala fornitur tal-materja prima, Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" qed tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
936.	Areal International JSC (li qabel kienet "Hylende Gold" jew "Highland Gold")	Indirizz: 123112, Moscow, Presnenskaya nab., house 10, 34 floor, room I Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 26.5.2026 OGRN: 1232500014405 INN: 2540277272 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Areal International JSC hija kumpanija Russa tal-estrazzjoni u tal-metallurġija involuta fl-iżvilupp ta' depożiti ta' metalli mhux ferruż u prezzjuż fis-Siberja, fil-Lvant Imbiegħed tar-Russja u fl-Artiku, li tipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Areal International JSC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
937.	Seligdar PSJC	Indirizz: 12 Piket-26 ulitsa, Aldan, Aldan ulus, Republic of Sakha (Yakutia), Russian Federation, 678900; Park Pobedy business centre, 1 Vasilisa Kozhina ulitsa, Moscow, Russia, 121096 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: 12 26-y Piket, Aldan, Aldanskiy Ulus, Republic of Sakha (Yakutia), 678900 (Russia) INN: 1402047184 OGRN: 1071402000438 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Seligdar PJSC hija kumpanija Russa tal-estrazzjoni tad-deheb li topera fis-settur tad-deheb Russu, li huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali. Għalhekk, Seligdar PJSC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
938.	Peninsular Maritime India Private Limited	Post tar-reġistrazzjoni: Office B-405, B Wing, Mahavir Icon, Plot 89/90, Sector 15, CBD Belapur, Navi Mumbai, Maharashtra, India, 400614 Numru tar-reġistrazzjoni: 6038735 (numru IMO) Post prinċipali tan-negozju: India	Peninsular Maritime India Private Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata l-Indja speċjalizzata fil-forniment ta' appoġġ tekniku. Din il-kumpanija hija l-maniġer tekniku tal-bastimenti Marbella Sun u Sinar G. Dawn il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tal-AIS waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Peninsular Maritime India Private Limited timmaniġġa bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja, filwaqt li twettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
939.	Joint Stock Company "Neftechemservis" magħrufa wkoll bħala JSC Neftekhimservis bir-Russu: Акционерное общество "Нефтехимсервис" magħrufa wkoll bħala АО "НХС"	Indirizz: 654080, Kemerovo region, Novokuznetsk city, Pioneer Avenue (Central R-N), 58, premises. 133, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 13.3.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1084217001990 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4217102358	Joint Stock Company "Neftechemservis" hija kumpanija Russa involuta fil-produzzjoni ta' prodotti petroliferi. Hija s-sid u topera r-raffinerija taż-żejt ta' Yaya fl-Oblast ta' Kemerovo. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Company "Neftechemservis" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
940.	Limited Liability Company "Anzhersky Oil and Gas Company" bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Анжерская Нефтегазовая Компания" magħrufa wkoll bħala LLC "Anzhersky Oil and Gas Company" magħrufa wkoll bħala OOO "Ангк" magħrufa wkoll bħala LLC "Angk" magħrufa wkoll bħala LLC "Anzherskaya Oil and Gas Company" magħrufa wkoll bħala LLC "Angers Oil and Gas Company"	Indirizz: 652104, Kemerovo region, Anzhero-Sudzhensk, Yaisk Oil Refinery Industrial Site District Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 4.3.2005 Numru tar-reġistrazzjoni: 1054246003305 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4246004891	Limited Liability Company "Anzhersky Oil and Gas Company" hija kumpanija Russa involuta fil-produzzjoni ta' prodotti petroliferi u topera fis-sit tar-raffinar taż-żejt ta' Yaya fl-Oblast ta' Kemerovo. Il-koproprjetarju aħħari tagħha jikkontrolla lil JSC Neftechemservis, il-kumpanija Russa li hija s-sid tar-raffinerija taż-żejt ta' Yaya. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt u l-gass, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Liability Company "Anzhersky Oil and Gas Company" hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
941.	Limited Liability Company "Anzhersky Oil Refinery" bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Анжерский Нефтеперерабатывающий Завод" magħrufa wkoll bħala LLC "Anzhersky Oil Refinery" magħrufa wkoll bħala LLC "ANZ"	Indirizz: 654080, Kemerovo region, Novokuznetsk, Central district, Pionersky prospect, house 58, room 133, office 2.6, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 20.9.2021 Numru tar-reġistrazzjoni: 1214200013862 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4217203067	Limited Liability Company "Anzhersky Oil Refinery" hija azjenda Russa li hija s-sid ta' LLC "Anzhersky Oil and Gas Company LLC" u LLC "Oil Refinery "North Kuzbass", żewġ kumpaniji Russi involuti fil-produzzjoni ta' prodotti petroliferi u li joperaw fis-sit tar-raffinar taż-żejt ta' Yaya fl-Oblast ta' Kemerovo. Limited Liability Company "Anzhersky Oil Refinery" hija koproprjetà ta' Yuri Kushnerov, il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' JSC Neftechemservis li hija s-sid tar-raffinerija taż-żejt ta' Yaya. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Limited Liability Company "Anzhersky Oil Refinery" hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
942.	Limited Liability Company "Oil Refinery "North Kuzbass" bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Нефтеперерабатывающий Завод 'Северный Кузбасс'" magħrufa wkoll bħala LLC "Oil Refinery 'North Kuzbass'" magħrufa wkoll bħala LLC "Northern Kusbass Oil Refinery" magħrufa wkoll bħala ООО "НПЗ "Северный Кузбасс"" magħrufa wkoll bħala Severny Kuzbass Oil Refinery LLC magħrufa wkoll bħala LLC "Oil Refinery 'Northern Kuzbass'"	Address:652104, Kemerovo region, Anzhero-Sudzhensk, Yaisk Oil Refinery Industrial Site District, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Data ta' reġistrazzjoni: 25.2.2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 1044246000590 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 4246003993	Limited Liability Company "Oil Refinery 'North Kuzbass" hija kumpanija Russa involuta fil-produzzjoni ta' prodotti petroliferi u topera fis-sit tar-raffinar taż-żejt ta' Yaya fl-Oblast ta' Kemerovo. Il-koproprjetarju aħħari tagħha jikkontrolla lil JSC Neftechemservis, kumpanija Russa li hija s-sid tar-raffinerija taż-żejt ta' Yaya u toperaha. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Limited Liability Company "Oil Refinery 'North Kuzbass" hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
943.	Redwood Global Supply FZ-LLC bl-Għarbi: ريدوود جلوبال سبلاي ش.م.ح- ذ.م.م	Indirizz: Compass Building, Al-Hulaila Industrial Zone – FZ, Ras Al-Khaimah, United Arab Emirates Post tar-reġistrazzjoni: United Arab Emirates Data ta' reġistrazzjoni: 22.11.2024 Numru tar-reġistrazzjoni: 4120000000005031026	Redwood Global Supply FZ-LLC hija kumpanija rreġistrata fl-EGħM. Minn Diċembru 2025, saret wieħed min-negozjanti ewlenin taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti tal-petroleum Russi li jinġarru bil-baħar. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Redwood Global Supply FZ-LLC hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
944.	First Diamond Company bir-Russu: ООО Первая Алмазная Компания magħrufa wkoll bħala 'First Diamond Company LLC'	Indirizz: 121099, il-Federazzjoni Russa, Moska, Karmanitskiy per., 4, bld. 2, office 5 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: Mejju 2022	First Diamond Company hija kumpanija rreġistrata fir-Russja li tesporta djamanti mhux maħduma u llustrati. Din ġiet stabbilita f'Mejju 2022, ftit wara l-miżuri restrittivi tal-Istati Uniti mmirati lejn Alrosa, u hija mmexxija minn eks impjegati ta' Alrosa, inkluż il-fundatur tagħha mid-diviżjoni tal-bejgħ u l-ewwel CEO tagħha, eks viċi direttur tal-bejgħ. First Diamond Company malajr saret sinifikanti fil-kummerċ tad-djamanti Russu, billi esportat volumi kbar ta' djamanti lejn swieq barranin, spiss permezz ta' ġuriżdizzjonijiet intermedjarji. L-industrija tad-djamanti tirrappreżenta wieħed mis-sorsi ewlenin mhux tal-enerġija tad-dħul mill-esportazzjoni għall-Federazzjoni Russa. Bħala tali, l-attività f'dan is-settur tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, First Diamond Company hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
945.	Joint Stock Company RUSNEFTEGAZ bir-Russu: АО Руснефтегаз magħrufa wkoll bħala JSC RUSNEFTEGAZ	Indirizz: Russian Federation Moscow, Intracity Territory Municipal Okrug Nizhegorodsky, Nizhegorodskaya Street, House 70, Block 1, Premises 5/1; Russian Federation, 121087, Moscow, Intracity Territory Municipal Okrug Filevsky Park, Bagrationovsky Drive, House 70, Block 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 16.3.2025 Numru tar-reġistrazzjoni: 1057746440212 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7715557441	Joint Stock Company Rusneftegaz hija kumpanija sinifikanti fis-settur tal-enerġija Russu. Bħala waħda mill-produtturi privati taż-żejt u tal-gass tar-Russja, Joint Stock Company Rusneftegaz għandha rwol importanti fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-esportazzjoni tar-riżorsi tal-idrokarburi tal-pajjiż. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Company Rusneftegaz hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
946.	Joint Stock Company "Kuibyshevsk Oil Refinery" bir-Russu: Акционерное общество "Куйбышевский Нефтеперерабатывающий Завод" magħrufa wkoll bħala JSC "Kuibyshevsk Oil Refinery" magħrufa wkoll bħala JSC "KNPZ" magħrufa wkoll bħala AO "КНПЗ"	Indirizz:25 Groznenskaya str., Samara region, 443004, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 1.9.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026300894179 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6314006396	Joint Stock Company "Kuibyshevsk Oil Refinery" hija entità Russa li tħaddem raffinerija taż-żejt fir-Reġjun ta' Samara. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Company "Kuibyshevsk Oil Refinery" hija entità involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
947.	Joint Stock Company "Novokuybyshevsk Oil Refinery" bir-Russu: Акционерное общество "Новокуйбышевский Нефтеперерабатывающий Завод" magħrufa wkoll bħala JSC "Novokuybyshevsk Oil Refinery"	Indirizz: 446207, Samara region, city of Novokuibyshevsk, Osipenko street, building 12, structure Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 6.5.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026303118126 Numru Individwali tat-Taxxa: 6330000553	Joint Stock Company "Novokuybyshevsk Oil Refinery" hija entità Russa li tħaddem raffinerija taż-żejt fit-Territorju ta' Samara. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors ta' dħul sostanzjali lill-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Joint Stock Company "Novokuybyshevsk Oil Refinery" hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
948.	Limited Liability Company "Soyuzmetallservis" bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Союзметаллсервис"	Indirizz: 119002, Moscow, ext. ter. Arbat municipal district, st. Arbat, 36/2, building 6, premises. 2/1, Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 25.1.2021 Numru tar-reġistrazzjoni: 1217800006610 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7802888337	Limited Liability Company "Soyuzmetallservis" timmaniġġja l-kumpaniji LLC "Southern Mining and Metallurgical Complex" u LLC "Southern Mining and Metallurgical Complex Donetsk". It-tnejn huma kumpaniji ewlenin fl-industriji tal-azzar u tal-minjieri, li jipproduċu ħadid fondut, azzar u ligi tal-ħadid fil-parti okkupata tar-Russja tar-reġjun ta' Donbass. Il-kumpaniji jiġġeneraw volumi kbar ta' dħul u riżorsi mill-parti okkupata tar-Russja tar-reġjun ta' Donbass.. Barra minn hekk, Limited Liability Company "Southern Mining and Metallurgical Complex" tforni materja prima lill-kumpless militari-industrijali tar-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "Soyuzmetallservis", bħala kumpanija maniġerjali ta' LLC "Southern Mining and Metallurgical Complex" u LLC "Southern Mining and Metallurgical Complex Donetsk", hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u qed tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Ukrajna, barra minn hekk LLC "Soyuzmetallservis" qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, Limited Liability Company "Soyuzmetallservis" bħala kumpanija maniġerjali ta' LLC "Southern Mining and Metallurgical Complex", fornitur tal-materja prima għall-kumpless militari-industrijali tar-Russja, qed tappoġġa wkoll materjalment u tibbenefika mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
949.	PJSC Moscow Exchange MICEX-RTS bir-Russu: ПАО Московская Биржа magħrufa wkoll bħala Moscow Exchange magħrufa wkoll bħala MOEX	Indirizz: 13 Bolshoy Kislovsky, Moscow, 125009, Russian Federation Tip ta' entità: Public Joint-Stock Company, exchange Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 19.12.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739387411 Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7702077840	PJSC Moscow Exchange MICEX-RTS hija istituzzjoni finanzjarja Russa u l-akbar grupp ta' skambju pubbliku tar-Russja. Hija għandha rwol essenzjali fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja tar-Russja, u b'hekk tiffaċilita direttament u indirettament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa fl-attivitajiet, il-politiki u r-riżorsi tiegħu. PJSC Moscow Exchange MICEX-RTS tikkostitwixxi l-pjattaforma ċentrali għall-finanzjament u n-negozjar domestiċi, b'mod partikolari għal investimenti f'korporazzjonijiet militari u bonds tal-gvern Russi (OFZs) maħruġa mill-Ministeru għall-Finanzi. Il-missjoni tal-Moscow Exchange hija li tipprovdi aċċess eżawrjenti għas-swieq finanzjarji Russi, u hija taħt livell għoli ta' kontroll tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa permezz tar-rwol u l-azzjonisti tiegħu, inkluż il-Bank Ċentrali tar-Russja. Żewġ sussidjarji tal-PJSC Moscow Exchange MICEX-RTS, in-National Settlement Depository (NSD) u n-National Clearing Centre (NCC) ġew rikonoxxuti bħala istituzzjonijiet tal-infrastruttura tas-swieq finanzjarji sistematikament importanti mill-Bank Ċentrali tar-Russja. L-NSD ġiet elenkata mill-Unjoni. Għalhekk, PJSC Moscow Exchange MICEX-RTS tappoġġa materjalment u finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
950.	Limited Liability Company "Lukoil-Marinbunker"	Indirizz: Lit A, Naberezhnaya Aptekarskaya 8, St. Petersburg, 197022, Russian Federation OMI: 6132673 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Limited Liability Company "Lukoil-Marinbunker" hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fir-Russja u l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Aginskoye, G. Rossini u G. Puccini. Dawk il-bastimenti ma għandhomx assigurazzjoni adegwata ta' responsabbiltà ċivili u huma involuti fi trasferimenti minn vapur għal ieħor kif ukoll fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Limited Liability Company "Lukoil-Marinbunker" topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika tbaħħir irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
951.	JSC Susuman Mining and Processing Plant "Susumanzoloto" magħrufa wkoll bħala JSC Susumanzoloto magħrufa wkoll bħala Susumanzoloto bir-Russu: АО "СУСУМАНЗОЛОТО" magħrufa wkoll bħala АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО "СУСУМАНСКИЙ ГОРНО-ОБОГАТИТЕЛЬНЫЙ КОМБИНАТ 'СУСУМАНЗОЛОТО'" magħrufa wkoll bħala СУСУМАНЗОЛОТО	Indirizz: Karl Marx avenue 19/17, Magadan, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 21.6.1994 OGRN: 1024900950480 INN: 4905001978 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Susuman Mining and Processing Plant "Susumanzoloto" hija kumpanija tal-minjieri u metallurġika fir-Russja, involuta fl-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb. Hija topera diversi minjieri tad-deheb fir-Russja. L-esportazzjoni ta' metalli prezzjużi hija waħda mill-aktar sorsi sinifikanti ta' dħul tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa wara d-dħul miż-żejt u l-gass. Mill-2025, ir-Russja hija t-tieni l-akbar pajjiż li jipproduċi d-deheb fid-dinja. Għalhekk, JSC Susuman Mining and Processing Plant "Susumanzoloto" hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
952.	A7 Agent Limited Liability Company magħrufa wkoll bħala A7 AGENT LLC bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "А7-Агент"	Indirizz: Ul. Lesnaya D. 9 Pomeshch. 2/10 Moscow, 125196, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 26.9.2024 Numru tar-reġistrazzjoni: 1247700638570 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Individwi assoċjati: Leonid Shumakov Entitajiet assoċjati oħra: Limited Liability Company A71, Limited Liability Company A7, PSB Bank	A7 Agent Limited Liability Company hija sussidjarja ta' Limited Liability Company A7 li għandha l-istess indirizz. Limited Liability Company A7 hija kumpanija Russa li hija parzjalment proprjetà ta' PSB Bank, intrapriża tal-Istat Russu. Limited Liability Company A7 inħolqot b'mod konġunt minn PSB Bank biex tniedi A7A5, stablecoin li huwa sostnut minn depożiti ta' rublu ta' kors legali fil-kontijiet bankarji ta' PSB Bank. Għal kull rublu li jintefaq fuq A7A5, tiġi ddepożitata somma ekwivalenti f'PSB Bank, u b'hekk jiżdied il-kapital tal-istituzzjoni tal-Istat. A7 Agent Limited Liability Company tikkontribwixxi għaż-żamma tal-fluss finanzjarju tan-netwerk A7 mohbi bħala kummerċ leġittimu u għall-evażjoni ta' miżuri restrittivi. Għalhekk, A7 Agent Limited Liability Company hija entità li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, tfixkel b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
953.	Limited Liability Company A71 bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "A71"	Indirizz: Ul. Lesnaya D. 9 Pomeshch. 2/10 Moscow, 125196 Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 26.9.2024 Numru tar-reġistrazzjoni: 1247700638514 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Entitajiet assoċjati oħra: Limited Liability Company A7; PSB Bank	Il-Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata A71 hija sussidjarja tal-Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata A7 li għandha l-istess indirizz. Limited Liability Company A7 hija kumpanija Russa li hija parzjalment proprjetà ta' PSB Bank, intrapriża tal-Istat Russu. Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata A7 inħolqot b'mod konġunt minn PSB Bank biex tniedi A7A5, stablecoin li huwa sostnut minn depożiti ta' rublu ta' kors legali fil-kontijiet bankarji ta' PSB Bank. Għal kull rublu li jintefaq fuq A7A5, tiġi ddepożitata somma ekwivalenti f'PSB Bank, u b'hekk jiżdied il-kapital tal-istituzzjoni tal-Istat. Il-Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata A71 tikkontribwixxi għaż-żamma tal-fluss finanzjarju tan-netwerk A7 moħbi bħala kummerċ leġittimu u għall-evażjoni ta' miżuri restrittivi. Għalhekk, Limited Liability Company A71 hija entità li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, tfixkel b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
954.	White Agate Marine SPC	Indirizz: Duqm Special Economic Zone, Duqm, Oman, Sultanate of Oman; C/O: Dreamer Shipmanagement LLC-FZ 6th Floor, Meydan Grandstand, Al Meydan Road, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates Tip ta' entità: Kumpanija b'portafoll segregat – industrija tat-tbaħħir Post tar-reġistrazzjoni: Oman Post prinċipali tan-negozju: Oman Entitajiet assoċjati oħra: Dreamer Shipmanagement LLC-FZ Numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI: 0138702	White Agate Marine SPC hija kumpanija tat-tbaħħir li tiġġestixxi tankers li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, inkluż għal skopijiet ta' esportazzjoni. Il-kumpanija hija s-sid irreġistrat ta' diversi bastimenti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni u li qed jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi, li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, u jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk, White Agate Marine SPC hija entità li hi s-sid ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja u li tipprattika prattiki ta' tbaħħir irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
955.	Zulu Ships Management	Indirizz: Office 105, Madinat Zayed Tower, Muroor Road, Abu Dhabi, United Arab Emirates Post tar-reġistrazzjoni: Abu Dhabi, United Arab Emirates Post prinċipali tan-negozju: Abu Dhabi, United Arab Emirates Numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI: 6509771	Zulu Ships Management hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, li timmaniġġa tankers li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, anke għal finijiet ta' esportazzjoni. Il-kumpanija timmaniġġa tmien tankers taż-żejt soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, li minnhom tal-inqas wieħed ittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja filwaqt li wettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk, Zulu Ships Management hija entità li tipprovdi appoġġ materjali lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, u li tipprattika prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192 (33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.7.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1843/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
956.	LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" magħrufa wkoll bħala LLC "KB ATL" bir-Russu: ООО "Конструкторское бюро Авиатехнолаб" magħrufa wkoll bħala LLC "DB ATL" magħrufa wkoll bħala ООО "КБ АТЛ"	Indirizz: 125080, Moscow, ext. ter. Sokol municipal district, Volokolamskoe highway, 2, premises. 1/1 Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data ta' reġistrazzjoni: 23.10.2024 OGRN: 1247700699949 INN: 7743459220 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Telefown: +7 495 143 60 70; +7 900 147 41 96 Posta elettronika: Sales@kb-atl.ru Kanal Telegram: https://t.me/KB_ATL_FPV Sit web: https://kb-atl.ru/	LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni serjali ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, inkluż drones ta' attakk tal-Pilotaġġ Immersiv (First Person View, FPV), hexacopters tqal, stazzjonijiet ta' kontroll fuq l-art, tagħmir ta' komunikazzjoni, u pjattaformi ta' relay mill-ajru. Il-kumpanija tiddikjara li topera ċiklu ta' produzzjoni intern sħiħ, bis-sistemi tagħha evalwati mill-Kunsill Tekniku tal-ONF u ttestjati għall-kumbattiment mill-Ministeru għad-Difiża Russu qabel ma jiġu rrakkomandati għall-akkwist. Il-portafoll tal-prodotti tagħha jinkludi d-droni Ikar FPV, l-hexacopter tqil Gorgona għall-missjonijiet ta' estrazzjoni minerarja, ta' attakki u ta' loġistika, ir-relay tal-ajru Perseus għal operazzjonijiet fuq medda estiża, u l-istazzjon ta' kontroll fuq l-art Helios, li hu rrappurtat li kollha ġew skjerati minn unitajiet militari Russi fil-gwerra kontra l-Ukrajna. LLC "Design Bureau Aviatekhnolab tipprovdi wkoll taħriġ u appoġġ tekniku lill-operaturi u tirrapporta l-iżvilupp kontinwu ta' kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-bersalli u ta' rikonjizzjoni u attakki awtonomi abilitati bl-IA. Għalhekk, permezz tal-iżvilupp, il-produzzjoni, il-provvista, u l-appoġġ operazzjonali ta' sistemi tal-UAVs b'kapaċità ta' ġlied użati mill-militar Russu, LLC "Design Bureau Aviatekhnolab" tipprovdi appoġġ materjali u teknoloġiku lill-Forzi Armati Russi, u b'hekk tappoġġja azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.7.2026

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
